MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 50/2005

**Barc Company Limited**

**vs**

**(1) Avukat Generali**
**(2) Carmen Gatt, Edmond Gatt, Simon Gatt, Dolores Gatt Baldacchino, Josienne Tonna, ahwa Gatt Baldacchino, u Arcidiacono Limited u Renato Arcidiacono**

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' Barc Co. Ltd. fit-18 ta' Ottubru, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

Fit-22 ta' Gunju, 1990 giet ipprezentata kawza fl-ismijiet *"Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe*

*Arcidiacono, Boris Arcidiacono u Renato Arcidiacono bhala diretturi u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Arcidiacono Limited, u l-istess Renato Arcidiacono anke personalment”* [Citazzjoni Nru 696/90].

B’sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim’Awla fl-20 ta’ Jannar, 1998 id-domandi ta’ l-attur gew milqugha bl-ispejjez kontra z-zewg konvenuti Arcidiacono Limited u Renato Arcidiacono personalment, liema sentenza giet appellata mill-konvenut Arcidiacono Limited.

Fl-24 ta’ Frar, 1998 l-atturi appellati pprezentaw rikors li bih talbu lill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell biex hija *“tohrog lill-imsemmi Renato Arcidiacono mill-kawza u tissostitwih mill-aventi kawza u successuri fit-titolu, is-socjeta’ Barc Co. Ltd”*.

Din it-talba giet opposta mill-konvenuti appellanti, izda l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell b’digriet ivverbalizzat fis-seduta tat-8 ta’ Lulju, 1998 ordnat lill-atturi appellati biex b’nota fir-Registru jesibixxu kopja tal-kuntratt tat-12 ta’ Mejju, 1995 u dan fi zmien hmistax-il gurnata.  Fit-12 ta’ Mejju, 1995, fl-atti tan-Nutar Dottor Rita Sammut kien gie ppubblikat kuntratt ta’ trasferiment maghmul, min-naha ‘l wahda, minn Renato u Antoinette konjugi Arcidiacono bhala *‘vendituri’*, u, min-naha ‘l ohra, minn Boris Arcidiacono f’isem u *in rapprezentanza* tas-socjeta’ Barc Company Limited.  *In forza* ta’ dan il-kuntratt, is-socjeta’ rikorrenti Barc Company Limited akkwistat billi xtrat l-appartament numru tlieta (3), Mimmo Flats, fil-blokk bin-numru hamsa (5), Saint Anthony Street, Msida, liema appartament jaghmel parti mill-blokk ta’ appartamenti li dwaru qeghda ssir il-kawza mill-atturi.

B’decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-18 ta’ Jannar, 2000, it-talba ta’ l-atturi appellati kif kontenuta fir-rikors taghhom tal-24 ta’ Frar, 1998 giet milqugha.  L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ordnat *“li jinhareg mill-kawza l-konvenut Renato Arcidiacono u minfloku tiddahhal is-socjeta’ Barc Co. Limited b’dan li l-okkju tal-kawza ghandu jigi korrett konformement u b’dan ukoll li dan id-digriet jigi*

*wkoll innotifikat lill-imsemmija socjeta' a karigu ta' l-appellati".*

Il-kawzi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u quddiem il-Qorti ta' l-Appell jitmexxew biss skond li jipprovdi l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirregola l-prattika u l-procedura fil-Qrati ta' gurisdizzjoni civili, u ma jistax ikun hemm smiegh xieraq kemm-il darba d-dispozizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jigux segwiti u minflok il-Qrati jivvintaw il-procedura jew imexxu l-kawzi kif jidhrilhom huma.

L-ebda sistema proceduralі differenti minn dik stabbilita bl-artikoli tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ma hija permissibbli jew koncepibbli.

Il-procedura adottata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li tirrizulta mid-digrieti taghha tat-8 ta' Lulju, 1998 u tat-18 ta' Jannar, 2000 ma tezistix fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u allura hija *'extra legem'*.

Is-socjeta' rikorrenti tistieden lill-intimati jiccitaw l-artikolu tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili li jawtorizza lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tadotta l-procedura li attwalment giet segwita minnha.

L-artikolu 810A tal-Kap. 12 jikkontempla biss sitwazzjoni fejn xi persuna tkun tixtieq tidhol fil-kawza (i.e. issir parti fil-kawza) sabiex is-sentenza tkun ukoll torbot lil dik il-parti li bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti tkun assumiet l-atti tal-kawza. Dan l-artikolu jghid illi *"min ikun jixtieq jidhol fil-kawza ghandu jipprezenta rikors li fih jitlob awtorizzazzjoni sabiex jassumi l-atti tal-kawza flimkien ma' jew minflok dik il-parti li hekk ghandha x'taqsam"*. Izda dan l-artikolu ma jikkontemplax is-sitwazzjoni fejn xi parti fil-kawza titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex, fl-istadju ta' l-appell, parti ohra tigi estromessa mill-kawza [Renato Arcidiacono] u persuna li ma kienitx parti f'dawk il-proceduri [Barc Company Limited] tigi mgeghelha tkun parti f'dawk il-proceduri fi stadju ta' appell.

Bir-rispett kollu, id-digriet moghti fit-18 ta’ Jannar, 2000 mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell huwa biss invenzjoni ta’ procedura.

Konsegwentement is-socjeta’ rikorrenti giet imcahhda minn smiegh xieraq fil-kawza Citazzjoni Numru 696/90, liema dritt huwa garantit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ rikorrenti Barc Company Limited titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali taghha jigu protetti, billi tiddikjara illi s-socjeta’ rikorrenti giet imcahhda minn smiegh xieraq fil-kawza Citazzjoni Numru 696/90 minhabba li l-procedura adottata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell li tirrizulta mid-digriet taghha tat-8 ta’ Lulju, 1998 u tat-18 ta’ Jannar, 2000 huma *‘extra legem’* u invenzjoni ta’ procedura, u dan bi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tordna l-hlas ta’ kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taghha.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li *in forza* taghha eccepixxa illi:

**<u>Eccezzjonijiet Preliminari</u>**

1. Il-kawza odjerna hija frivola u vessatorja u qed issir b’abbuz tal-process gudizzjarju *in kwantu* l-mertu, u *cioe’*, jekk id-digrieti *in kwistjoni* ta’ din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta jilledux id-dritt tar-rikorrent ghall-smiegh xieraq skond l-Artikolu 6(1) tal-Kap. 319 huwa ezawrit permezz ta’ sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **“Barc Company Limited vs Avukat Generali et”**, liema sentenza cahdet it-talbiet kollha tas-socjeta’ rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

2. *Inoltre* s-socjeta’ rikorrenti naqset li tezawrixxi ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha billi kienet imissha ressqet l-allegat ilment dwar il-procedura adottata mill-Qorti fil-mument meta ddahhlet bhala parti fil-kawza fl-ismijiet

*“Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono et”* u mhux issa proprju hames snin wara.

3. Ghalhekk l-esponent hu tal-fehma li l-kawza odjerna m’hi xejn hlief *a fishing expedition* fejn dawk l-argumenti li bihom is-socjeta’ rikorrenti ma rnexxiliex tikkonvinci l-Qorti Kostituzzjonali issa qed terga’ tipprova tressaqhom quddiem din l-Onorabbli Qorti kif preseduta. Illi f’dan il-kuntest l-esponent igib ghall-attenzjoni wkoll il-fatt illi fl-atti tal-kawza kostituzzjonali msemmija fl-ewwel paragrafu is-socjeta’ rikorrenti qeghda wkoll titlob ritrattazzjoni, li allura jkompli jsahhah it-tezi tal-esponent li s-socjeta’ rikorrenti qed taghmel kull attentat possibbli biex tiggwadanja dak li tista’ minn *fora* differenti.

**<u>Eccezzjonijiet fil-mertu – Ebda ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Kap. 319</u>**

4. L-allegazzjoni ta’ ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Kap. 319, tas-socjeta’ rikorrenti hija bazata fuq il-kwistjoni *“li d-digrieti tat-8 ta’ Lulju, 1998 u tat-18 ta’ Jannar, 2000 huma ‘extra legem’ u nvenzjoni tal-procedura”*.

5. Bir-rispett kollu lejn l-istess socjeta’ rikorrenti il-kontenut tar-rikors promotor fih biss dettalji li huma ta’ indoli purament ta’ x’missu sar skond il-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u mkien ma jsemmi KIF u b’liema mod id-drittijiet taghhom allegatament inkisru skond l-Artikolu 6(1).

6. Effettivament l-Artikolu 6(1) tal-Kap. 319 huwa car – skond il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jigi garantit id-dritt ghall-smiegh xieraq irid ikun hemm smiegh fi zmien ragjonevoli, minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b’ligi, u smiegh fil-pubbliku.

7. Minn dawn l-elementi kollha msemmija s-socjeta’ rikorrenti lanqas element wiehed ma elenkat jew ilemntat minnu.

Isegwi ghalhekk li t-talbiet kollha tas-socjeta’ rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat ir-risposta ta' uhud mill-intimati l-ohra li *in forza* taghha eccepew illi:

1. Bil-proceduri odjerni s-socjeta' rikorrenti essenzjalment qed tipprova tottjeni minghand din l-Onorabbli Qorti dikjarazzjoni li bid-dhul taghha fil-kawza fl-ismijiet *"Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono et noe et"* Citaz. Nru. 696/90 fl-istadju ta' l-appell, gew lezi d-drittijiet fondamentali taghha, partikolarment id-dritt ghall-smiegh xieraq, *in vjolazzjoni* ta' l-Artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Jingieb *a konjizzjoni* ta' din l-Onorabbli Qorti *pero'* illi din l-istess talba tas-socjeta' rikorrenti gia' giet ikkunsidrata u deciza fil-proceduri fl-ismijiet *"Barc Company Limited vs Avukat Generali et"* Rikors Nru. 738/00, istitwiti mill-istess imsemmija socjeta' quddiem din l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' April, 2000.

2.1 B'sentenza pronuncjata fit-30 ta' Gunju, 2000, it-talba maghmula mis-socjeta' rikorrenti f'dawk il-proceduri ghal dikjarazzjoni li bid-dhul taghha fil-kawza fl-ismijiet *"Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono et noe et"* Citaz. Nru. 696/90 fl-istadju ta' l-appell, gew lezi d-drittijiet fondamentali taghha, partikolarment id-dritt ghall-smiegh xieraq, *in vjolazzjoni* ta' l-Artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, giet michuda.

Dik is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali b'sentenza pronuncjata fl-20 ta' Gunju, 2005 [Dok. *"GB1"* – Kopja tas-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Gunju, 2005].

2.2 Huwa evidenti ghalhekk illi *in bazi* ghall-principju guridiku tar-*res judicata* t-talba promossa mis-socjeta' rikorrenti fil-proceduri odjerni ghandha tigi michuda.

3. Jinsab *ormai* assodat fid-duttrina u gurisprudenza nostrali li l-elementi kostituttivi tal-gudikat huma: (a) l-istess oggett (*eadem res*); (b) l-istess partijiet (*eadem personae*); u (c) l-istess mertu (*eadem causa petendi*).

3.1 L-esponenti jissottomettu li minn ezami komparattiv bejn il-proceduri odjerni u l-proceduri decizi minn din l-Onorabbli Qorti bis-sentenza fl-ismijiet *"Barc Company Limited vs Avukat Generali et"* Rikors Nru. 738/00, kif *in segwitu* kkonfermata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, inekwivokabilment jirrizulta li fil-kaz odjern jissussistu t-tlett elementi li flimkien jikkostitwixxu l-gudikat.

4. Mis-sentenza esebita ma' din ir-risposta bhala Dok. *"GB1" ictu oculi* jirrizulta li l-partijiet f'dawk il-proceduri huma l-istess identici partijiet fil-proceduri odjerni.

*In entrambe i casi* s-socjeta' rikorrenti hija Barc Company Limited u l-intimati huma l-Avukat Generali, l-esponenti, Arcidiacono Limited u Renato Arcidiacono.

5. Similment ma hemm ebda dubju li l-oggett tal-proceduri odjerni huwa identiku ghall-oggett tal-proceduri gia' decizi minn din l-Onorabbli Qorti bejn l-istess partijiet.

5.1 *In entrambe i casi in fatti* l-oggett tal-kontestazzjoni huwa d-dhul tas-socjeta' rikorrenti fil-kawza fl-ismijiet *"Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono et noe et"* Citaz. Nru. 696/90, fl-istadju ta' l-Appell.

6. Il-paragrafi introduttivi tar-rikors odjern, precizament l-ewwel hames paragrafi, huma mehuda verbatim mill-ewwel rikorsipprezentat mis-socjeta' rikorrenti quddiem din l-Onorabbli Qorti fis-7 ta' April, 2000.

L-identita' bejn il-proceduri odjerni u l-proceduri li gia' gew decizi bejn il-partijiet kontendenti, *in partikolari in quanto* rigwarda l-*causa petendi* donnha tieqaf hawn, jew almentu dak huwa li qed tipprova taghti x'tifhem s-socjeta' rikorrenti.

Dana *pero'* assolutament ma huwiex minnu *stante* li, kontra dak li qed tipprova taghti x'tifhem is-socjeta' rikorrenti, inekwivokabilment jirrizulta li l-*causa petendi* tal-proceduri odjerni hija identika ghall-*causa petendi* tal-proceduri gia' decizi bejn il-partijiet kontendenti – ossia li bid-dhul taghha fil-kawza fl-ismijiet *"Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono et noe et"* Citaz. Nru. 696/90 fl-istadju ta' l-appell, is-socjeta' rikorrenti allegatament giet imcahhda mid-dritt ghall-smiegh xieraq, liema dritt huwa garantit bl-Artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

6.1 Jigi sottomess li s-semplici varjazzjoni tal-motiv fuq liema s-socjeta' rikorrenti tibbaza t-talba odjerna taghha – *ossia* li s-socjeta' rikorrenti allegatament giet imcahhda mid-dritt ghall-smiegh xieraq ghaliex l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell segwiet procedura *extra legem* u ivvintata – ma jwassalx ghall-eliminazzjoni ta' l-identita' tal-*causa petendi* bejn il-proceduri odjerni u l-proceduri gia' decizi.

Din is-sottomissjoni ta' l-esponenti ssib konferma fil-principju guridiku li *hu maghruf li, ghalkemm ma jistax jigi eccepit il-gudikat fid-difett ta' l-identita' tad-domandi,* ***il-gudikat hu valevoli biex jiddefinixxi d-domanda sussegwenti li, ghalkemm mhux identika ghal dik definita bil-gudikat, tkun fondata fuq l-istess 'ratio petendi'; u hemm lok ghall-eccezjoni tal-gudikat anke meta l-meritu tal-kawza, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess; u ghalkemm, biex jista' jigi invokat il-gudikat hemm bzonn l-identita' ta' l-oggett, din l-identita' ma hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita' fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jidhol bhala parti integrali tal-oggett aktar dedott fl-ewwel citazzjoni".***

6.2 Similment ghalkemm is-socjeta' rikorrenti fil-proceduri odjerni qed tattakka d-Digriet ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tat-18 ta' Lulju, 1998 ukoll **u** tibbaza l-kontestazzjoni odjerna taghha fuq allegazzjonijiet u pretensjonijiet **apparentement** differenti minn dawk

minnha sollevati fil-proceduri gia' decizi, dana ma jwassalx biex tinholoq distinzjoni bejn il-proceduri gia' decizi u l-proceduri odjerni.

Din is-sottomissjoni ta' l-esponenti ssib konferma fil-principju guridiku li *l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi ta' l-eccezzjoni tal-gudikat,* ***imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-causa petendi fit-tieni procediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.***

7. Illum fid-dawl tal-proceduri odjerni l-esponenti jifhmu ghaliex fis-17 ta' Ottubru, 2005 – **gurnata biss qabel il-prezentata tal-proceduri odjerni** – is-socjeta' rikorrenti pprezentat rikors quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fejn titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet *"Barc Company Limited vs Avukat Generali et"* Rikors Nru. 738/00, deciza minn dik l-Onorabbli Qorti fl-20 ta' Gunju, 2005 [Dok. *"GB2'* – vera fotokopja tar-rikors ipprezentat mis-socjeta' rikorrenti quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta' Ottubru, 2005].

7.1 Ma hemm ebda dubju li s-socjeta' rikorrenti qed tapprofitta ruhha minn din il-procedura straordinarja koncess mill-Ligi f'kazijiet limitatissimi biss, bl-ghan ewlieni li taqdi l-iskopijiet taghha *a skapitu* tad-drittijiet ta' l-esponenti.

In effetti *siccome* huwa biss meta sentenza ma tistax tigi aktar appellata jew ritrattata illi takkwista awtorita' ta' *res judicata* fil-konfront tal-partijiet kontendenti, bil-prezentata tal-precitati proceduri ghar-ritrattazzjoni quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali s-socjeta' rikorrenti evidentement qed tipprova tfixxkel lill-esponenti fid-difiza taghhom ghat-talba odjerna taghha billi tipprova icahhadhom mill-possibilita' li jeccepixxu l-gudikat.

7.2 Il-fatt li s-socjeta' rikorrenti pprezentat il-proceduri ghar-ritrattazzjoni tal-precitata kawza deciza mill-

Onorabbli Qorti Kostituzzjonali bl-iskop uniku li tfixxkel lill-esponenti fid-difiza taghhom ghat-talba odjerna, johrog bl-iktar mod car u lampanti mill-istess rikors minnha pprezentat quddiem dik l-Onorabbli Qorti biex tippromuovi dawk il-proceduri ghar-ritrattazzjoni.

7.3 Apparte konsiderazzjonijiet dwar il-proponibilita' guridika ta' proceduri ghar-ritrattazzjoni ta' kawzi decizi minn din l-Onorabbli Qorti u mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, *in quanto* mhux ikkontemplata fl-Artikolu 46 u fl-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jigi rilevat li s-socjeta' rikorrenti ghaddiet biex tipprezenta ir-rikors quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali – **guranta biss qabel ma istitwiet il-proceduri odjerni quddiem din l-Onorabbli Qorti** – ben konsapevoli tal-fatt li kienet qed tintavola l-istess proceduri ghar-ritrattazzjoni ferm *oltre* t-terminu perentorju ta' tlett xhur stabbilit fil-Ligi.

7.4 Kif jirrizulta car mill-imsemmi rikorsipprezentat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fis-17 ta' Ottubru, 2005, is-socjeta' rikorrenti tibbaza t-talba taghha ghar-ritrattazzjoni tal-precitata kawza fl-ismijiet *"Barc Company Limited vs Avukat Generali et"* Rikors Nru. 738/00, fuq ir-raguni kontemplata fl-Artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Ligi tassattivament tipprovdi li l-proceduri ghar-ritrattazzjoni ta' kawza deciza ghandhom jigu istitwiti *entro* t-termini **perentorju** ta' tlett xhur – Artikoli 818 u 819 tal-Kap. 12. Meta l-procedura ghar-ritrattazzjoni tkun ibbazata fuq ir-raguni kontemplata fil-precitat Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 , l-imsemmi terminu ta' tlett xhur **jibda' jghodd minn dak inhar tas-sentenza attakkata** – Artikolu 818(d) tal-Kap. 12.

Is-sentenza attakkata giet pronuncjata fl-**20 ta' Gunju, 2005.** Il-proceduri ghar-ritrattazzjoni tal-kawza deciza b'dik is-sentenza gew istitwiti biss fis-**17 ta' Ottubru, 2005.**

7.5 Jigi ribadit li *nonostante* l-fatt li fis-17 ta' Ottubru, 2005 t-terminu perentorju ta' tlett xhur kien gia' ddekorra, is-

socjeta’ rikorrenti xorta wahda ghaddiet biex, **guranta biss qabel ma pprezentat il-proceduri odjerni**, tistitwixxi l-proceduri ghar-ritrattazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali!

7.6 Il-verita’ hi illi s-socjeta’ rikorrenti qed taghmel minn kollox biex l-appell civili mis-sentenza fl-ismijiet *“Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono et noe et”* Citaz. Nru. 696/90, jibqa’ pendenti u konsegwentement ghalhekk dawk il-proceduri ma jintemmu qatt.

Is-socjeta’ rikorrenti *in effetti* qed tapprofitta ruhha mill-fatt illi pendenti l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonali marbuta mad-dhul taghha fl-imsemmija kawza *“Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono et noe et”* Citaz. Nru. 696/90 fl-istadju ta’ l-appell, dak l-istess appell ma jistax jigi trattat u deciz.

Jigi rilevat li l-imsemmi appell gia’ ilu ben seba’ snin pendenti jistenna l-ezitu tal-proceduri kostituzzjonli fl-ismijiet *“Barc Company Limited vs Avukat Generali et”* Rikors 738/00 istitwiti mis-socjeta’ rikorrenti fis-7 ta’ April, 2000, u hekk kif dawk il-proceduri gew decizi mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta’ Gunju, 2005, u b’hekk l-istess appell seta’ jissokta, is-socjeta’ rikorrenti mill-gdid istitwiet proceduri kostituzzjonali biex b’hekk tibqa’ tostakola l-prosegwiment ta’ dak l-appell u konsegwentement il-konkluzzjoni ta’ dawk il-proceduri civili.

7.7 Certament din l-Onorabbli Qorti ma tistax tippermetti li kuncetti serji bhalma huma d-drittijiet fondamentali tal-bniedem u l-proceduri kostituzzjonali marbuta maghhom, jigu utilizzati bl-iskop uniku li jigu ppregudikati d-drittijiet altrui, kif qed tippretendi li taghmel is-socjeta’ rikorrenti fil-konfront ta’ l-esponenti.

Kemm-il darba parti tithalla taghmel uzu minn tali drittijiet u proceduri ghal dawn l-iskopijiet, ikunu qed jigu vvjolati l-principji l-iktar fondamentali tal-gustizzja, ossia dawk l-

istess principji li din l-Onorabbli Qorti ghandha d-dmir tiddefendi.

8. Bla pregudizzju ghal dak kollu iktar ‘l fuq espost dwar l-eccezzjoni tal-gudikat, f’kaz li fl-aghar ipotesi ghall-esponenti din l-Onorabbli Qorti ma kellhiex tilqa’ tali eccezzjoni, l-istess esponenti jissottomettu li fil-mertu t-talba tas-socjeta’ rikorrenti fi kwalunkwe kaz ghandha tigi michuda *stante* li ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

8.1 Fil-kwadru tal-kontestazzjonijiet taghha, is-socjeta’ rikorrenti volontarjament qed tissorvola punt ferm importanti ossia, li *in forza* tal-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Rita Sammut datat 12 ta’ Mejju, 1995, Renato Arcidiacono ma llimitax ruhu li jbiegh lis-socjeta’ rikorrenti l-flat nru. 3 *“Mimmo Flats”* Nru. 5 St. Anthony Street, Msida, izda assenja lill-istess socjeta’ rikorrenti d-dritt litiguz tieghu fil-kawza civili fl-ismijiet *“Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono et noe et”* Citaz. Nru. 696/90.

*In oltre* f’dak l-istess kuntratt is-socjeta’ rikorrenti espressament obbligat ruhha li tassumi l-atti tal-kawza minflok Renato Arcidiacono skond il-ligi.

8.2 *In vista* ta’ din ic-cessjoni tad-dritt litiguz *da parte* ta’ Renato Arcidiacono *a favur* tas-socjeta’ rikorrenti kontra dak minnha pretiz fir-rikors odjern, l-istess socjeta’ rikorrenti ma tistax titqies bhala persuna differenti u indipendenti minn Renato Arcidiacono u quindi bhala ghal kollox estraneja ghall-imsemmija proceduri civili.

La darba s-socjeta’ rikorrenti ma onoratx l-obbligu minnha espressament assunt fuq il-kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Rita Sammut datat 12 ta’ Mejju, 1995, li tassumi l-atti tal-kawza minflok Renato Arcidiacono, kienet hi stess li ma kkawtelatx id-drittijiet taghha.

Ghalhekk is-socjeta’ rikorrenti ma tistax illum tippretendi li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell cahditha mid-dritt ta’ smiegh xieraq garantit bl-Artikolu 6(1) ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghaliex ipprocediet b’mod *extra*

*legem* u ivvintat, meta: (1) bid-digriet tat-18 ta' lulju, 1998 dik l-Onorabbli Qorti ordnat li tigi esebita kopja tal-precitat kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Rita Sammut datat 12 ta' Mejju, 1995; u *in segwitu* (ii) b'digriet tat-8 ta' Jannar, 2000 dik l-istess Onorabbli Qorti ordnat li l-imsemmija socjeta' rikorrenti tidahhal fil-kawza minflok Renato Arcidiacono.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dak kollu iktar 'l fuq espost, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti hekk kif maghmula fir-rikors tat-18 ta' Ottubru, 2005, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-intimat Renato Arcidiacono li *in forza* taghha eccepixxa illi:

Fil-kuntratt tat-12 ta' Mejju, 1995 pubblikat minn Nutar Rita Sammut, l-esponent flimkien ma' martu Antoinette ittrasferew favur is-socjeta' rikorrenti id-drittijiet taghhom litigjuzi tal-kawza fl-ismijiet *"Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino et vs Giuseppe Arcidiacono et"* (Citaz Nru 69650 GCD).

Mal-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt l-esponenti gie svestit mit-tali dritt litigjuz li minflok dan ghadda fuq ic-censjonarji *cioe'* is-socjeta' rikorrenti.

*In vista* ta' dak premess hawn fuq l-esponent m'ghandu ebda *locus standi* jew interess guridiku fil-proceduri odjerni.

L-istess socjeta' rikorrenti, jekk qatt kien hemm xi bzonn li tghidu, iddikjarat fir-rikors l-iehor kostituzzjonali Nru. 738/00 illi meta akkwistat id-dritt litigjuz *in kwistjoni* minn ghand l-esponenti ghamlitu biex tehilsu minn kull oneru u responsabilita'.

Din id-dikjarazzjoni tirrizulta mill-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar fil-pagna tar-rikors tas-socjeta' rikorrenti, li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa bhala Dok VF.

Konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet *"Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino vs Giuseppe Arcidiacono et"*, citazzjoni numru 696/90, pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, partikolarment id-digriet ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Jannar, 2000;

Rat is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Gunju, 2005 (Rikors 738/00) fil-kawza fl-istess ismijiet bhal ta' dik odjerna;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimati;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta' rikorrenti qed tilmenta li d-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2000, u li biha s-socjeta' rikorrenti ddahlet fil-kawza *in kwistjoni*, Citazzjoni Numru 696/90, fl-istadju ta' l-appell, kienet tikkostitwixxi lezjoni ta' dritt tas-socjeta' appellanti ghal smiegh xieraq kif garantit mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Is-socjeta' rikorrenti qeghdha ssostni li l-imsemmija decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell introduciet fil-kawza persuna gdida estranea ghal kollox, fl-istadju ta' l-appell.

Is-socjeta' rikorrenti kienet diga' resqet ilment kostituzzjonali iehor kontra dik id-decizjoni li gie michud mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali bis-sentenza taghha tal-20 ta' Gunju, 2005. L-ilment f'dawk il-proceduri kien fis-sens li d-decizjoni msemmija kienet ta' pregudizzju ghaliha ghaliex kienet iccahhadha mill-beneficcju tad-*doppio esame*, ghaliex qatt ma' kellha l-opportunita' li tressaq il-provi taghha u taghmel kontro-ezami lix-xhieda

mressqa u taghmel is-sottomissjonijiet taghha fil-Prim Istanza. Is-socjeta' rikorrenti kienet allegat li din is-sitwazzjoni giet reza ferm aktar gravi billi l-konvenut Renato Arcidiacono diga' kien gie ikkundannat *a tenur* tad-domandi attrici u s-socjeta' rikorrenti sabet ruhha mdahhla fil-kawza biex tiehu l-post ta' l-imsemmi konvenut Renato Arcidiacono.

F'dawn il-proceduri, l-istess socjeta' rikorrenti qed tilmenta li dik id-decizjoni itelfilha d-dritt ta' smiegh xieraq peress li l-Onorabbli Qorti tal-Appell marret *'extra legem'* wara li uzat procedura li ma tezistix fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Din il-Qorti ghandha d-dubbju taghha kemm, fid-dawl tal-proceduri Civili precedenti, is-socjeta' rikorrenti setghet tiftah dawn il-proceduri 'l godda, ghax il-gudikat jolqot kemm kwistjonijiet imqanqla fi proceduri precedenti, kemm dawk li setghu gew imqanqla fil-proceduri precedenti (ara "Sammut vs Spiteri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottuberu, 2003). F'kull kaz, din il-Qorti ma taqbel xejn, mas-sottomissjoni 'l gdida tas-socjeta' rikorrenti.

Jirrizulta illi bil-kuntratt tat-12 ta' Mejju, 1995 is-socjeta' rikorrenti akkwistat, *inter alia,* minghand Renato Arcidiacono u martu Antoinette d-dritt litigjuz *in kwistjoni*:

*"The vendors are assigning to the purchaser all the litigiuos rights pertaining to them in the lawsuit pending before the Commercial Court in the names "Gatt Baldacchino vs Arcidiacono" (summons 696/98 AD)".*

Il-kuntratt *in kwistjoni*, li sar fl-atti tan-Nutar Dottoressa Rita Sammut, ma jsemmix specifikatament li s-socjeta' appellanti kellha l-obbligu li tassumi l-atti tal-kawza citazzjoni numru 696/90. Pero', dan l-obbligu huwa sotto intiz jekk huma riedu verament jittutelaw u jharsu d-drittijiet taghhom f'dik il-kawza.

Din il-Qorti jidhrilha li la darba s-socjeta' rikorrenti akkwistat id-dritt litigjuz *in kwistjoni* kien mistenni minnha li tidhol fil-kawza billi tassumi l-atti minflok Renato Arcidiacono ghaliex b'hekk biss hija setghet tassikura

ruhha li tkun f'posizzjoni li tkun tista' tiddefendi l-interessi taghha f'dik il-kawza. Kif sewwa qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza msemmija, jekk ir-rikorrenti ma hassewx il-htiega li jikkawtelaw id-drittijeit taghhom fi zmien opportun, ma jistghux huma jippretendu issa li nkisrilhom xi dritt taht il-Konvenzjoni jew taht il-Kostituzzjoni ta' Malta.

B'dak li ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell bid-decizjoni taghha tat-18 ta' Jannar, 2000, ma ivvintat ebda procedura gdida.

Tali assenjazzjoni jew cessjoni ta' dritt litigjuz li sehhet permezz ta' l-imsemmi kuntratt, hi bazata fuq il-principju tac-cessjoni ta' kreditu u jeddijiet ohra *ai termini* tas-Sub Titolu VII tat-Titolu VI tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Meta jkun hemm cessjoni ta' dritt, fil-kaz pendenti ta' dritt litiguz, tali dritt jigi akkwistat *ipso jure* mic-cessjonarju hekk kif ikun hemm il-ftehim fuq l-azzjoni u fuq il-prezz.

Barra minhekk tali cessjoni hi perfetta meta jkun hemm l-att ta' cessjoni bil-miktub, hekk kif provdut fl-Artikolu 1470 tal-Kapitolu 16.

Dan kollu jirrizulta mill-ligi stess billi fl-Artikolu 1469 tal-Kapitolu 16 hemm provdut illi:

*"Ic-cessjoni jew bejgh ta' kreditu, ta' jedd jew ta' azzjoni hija perfetta, u l-proprieta' taghhom tigi akkwistata 'ipso jure' mic-cessjonarju, hekk kif isir il-ftehim fuq il-kreditu, fuq il-jedd jew fuq l-azzjoni u fuq il-prezz, u, barra minn meta c-cessjoni tkun ta' jeddijiet trasferibbli bil-kunsinna tat-titolu, hekk kif isir l-att tac-cessjoni"* (ara id-decizjoni fl-ismijiet "Apap Bologna vs Xuereb", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-2 ta' Lulju, 1983, ghall-applikazzjoni ta' dan il-principju).

Fil-kaz *in ezami* jirrizulta car li c-cessjoni ta' l-imsemmi dritt litiguz sehhet flimkien mat-trasferiment ta' fond li jirrizulta fil-kontestazzjoni li tinsab pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, permezz tal-kuntratt fl-atti tan-

Nutar Dottor Rita Sammut, datat 12 ta' Mejju, 1995. Dan il-kuntratt *oltre* t-trasferiment tal-fond jipprovdi li s-socjeta' kompratrici (is-socjeta' rikorrenti fir-rikors odjern), akkwistat id-dritt litiguz fil-kawza fl-ismijiet *"Carmelo sive Charles Gatt Baldacchino et vs Giuseppe Arcidiacono et"*.

Ma hemmx dubju li d-dritt li gie assenjat lis-socjeta' rikorrenti hu dritt litiguz. Dak provdut mil-legislatur fl-Artikolu 1483(2) tal-Kapitolu 16 rirrispekkja l-kawza *in kwistjoni.* Il-jedd jitqies litiguz, meta jkun hemm kawza kkontestata fuq jekk hemmx dak il-jedd, jew meta l-kreditu ma jkux likwidu u jkun difficli li jigi likwidat.

Darba li sar trasferiment tal-jedd litigjuz, dik il-persuna li assumiet il-jedd ghandha tidhol fil-kawza flok il-venditur tal-jedd halli tkompli l-kawza f'isimha. Is-socjeta' rikorrenti dahlet ghall-kuntratt minn jedda, kienet taf bil-kawza pendenti u jekk ma kienx qed *"jghogobha"* x'kien qed jigri fil-kawza, kellha kull dritt ma tiftiehmx ghall-akkwist tal-proprjeta'. Meta xtrat il-proprjeta' u l-jedd litigjuz, is-socjeta' rikorrenti, minn jedda, assumiet li tkompli l-kawza hi; hadd ma *"gieghelha"* taghmel dan, izda ghamlitu minn jedda wara li, presumibilment, qieset ic-cirkustanzi. Kif inghad, l-Onorabbli Qorti tal-Appell la ivvintat xi procedura, u lanqas ma dahlet fil-kawza persuna kontra r-rieda taghha. Kienet l-istess socjeta' rikorrenti li, bl-agir taghha stess, poggiet lilha infisha f'sitwazzjoni li kellha tkun parti fil-kawza imsemmija.

Din il-Qorti taqbel li peress li dawn huma l-effetti tac-cessjoni ta' dritt litiguz jidher li c-cessjonarju, f'dan il-kaz is-socjeta' rikorrenti, libset il-libsa tac-cessjonant, Renato Arcidiacono fil-kapacita' tieghu personali, bir-rizultat li hi tidher bhala l-parti li ghandha interess fil-kawza llum pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell.

Billi Renato Arcidiacono, b'konsegwenza ta' l-imsemmija cessjoni gie svestit mid-dritt litiguz tieghu, illum fil-kapacita' personali tieghu m'ghadx ghandu interess guridiku fl-imsemmija kawza. Tali interess guridiku llum jinsab vestit fis-socjeta' rikorrenti kemm bhala proprjetarja gdida tal-fond trasferit permezz ta' kuntratt datat 12 ta'

Mejju, 1995, liema fond hu mertu tal-kawza pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, kif ukoll bhala cessjonarja ta' l-imsemmi dritt litiguz.

Ghalhekk, wara dan kollu hawn fuq espost jirrizulta li fil-kawza pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell is-socjeta' rikorrenti Barc ma tistax titqies bhala persuna differenti u indipendenti mill-konvenut Renato Arcidiacono fil-kapacita' personali tieghu.

Billi s-socjeta' rikorrenti xtrat minghand Renato Arcidiacono kemm id-dritt litiguz kif ukoll il-fond hekk trasferit, hi tiehu postu minghajr ma tirrizulta bhala persuna estranea ghal tali proceduri, indipendentement f'liema stadju tal-kawza dahlet fiha, *stante* li din libset il-libsa li hu kellu qabel tali cessjoni.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Bond vs Mangion et", deciza fis-27 ta' Mejju, 1991, hu meta ma jigix ukoll trasferit id-dritt litigjuz meritu tal-kawza li l-akkwirent ma jkunx legittimu kontradittur; darba li jkun sar trasferiment ukoll tad-dritt litigjuz, l-akkwirent, bhala l-legittimu kontradittur 'l gdid, ghandu jidhol jifforma parti fil-kawza u jkompli l-kawza fl-istat li tkun (ara wkoll "Camilleri vs Vella", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 1986). Dak li ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell bid-decizjoni taghha tat-18 ta' Jannar, 2000, huwa konformi mal-procedura u l-principji ta' interess guridiku li jirrikjedu dejjem li l-kawza timxi u tissokta kontra minn ikun l-attwali legittimu kontradittur.

Fl-ahhar nett, din il-Qorti tqies li s-socjeta' rikorrenti abbuzat bil-procedura intiza ghall min ikollu ilment dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Il-principji fuq enuncjati huma ben stabbiliti fil-procedura lokali, u ma kien hemm xejn stramb jew barra minn loku f'dak li ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Hi adottat procedura normali f'kaz ta' trasferiment ta' dritt litigjuz, u dan kellu jkun *a konoxxenza* tas-socjeta' rikorrenti u/jew id-difensur taghha. *Inoltre,* meta bir-rikors numru 738/00 resqet ilment kontra d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, kellha tressaq f'dawk il-proceduri, l-ilmenti kollha taghha,

u mhux tressaqhom wahda wahda biex tipprova tistultifika l-process gudizzjarju. B'rikors wiehed setghet facilment tressaq ilment li d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tivvjola l-artikolu 6(1) tal-Kap. 319 kemm ghax giet mcahhda mid-dritt ta' *doppio esame*, u kemm ghax dik id-decizjoni kienet *extra legem*, b'mod li l-Qorti tkun tista' tiddeciedi fuq iz-zewg ilmenti f'process wiehed. Dan l-abbuz *da parti* tas-socjeta' rikorrenti ghandu jaghti lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 10 tal-Skeda A Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 10 tal-Skeda A, Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li qieset li l-att tal-procedura li bih inbdiet il-kawza kien fiergha u vessatorju, tordna lis-socjeta' rikorrenti thallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' Lm800 bhala spejjez addizzjonali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------